# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 4199/2025/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Kieran Tabone**

Illum it-tmienja (8) ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Kieran Tabone**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 452803(L), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar id-9 ta' Settembru 2024 għall-ħabta ta' 23:54hrs fi Triq San Ġakbu, Ta' Qali, limiti ta' Ħ'Attard:

1. saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAS 357 b'manjiera perikoluża;

2. saq vettura bin-numru ta′ reġistrazzjoni DAS 357 b′manjiera bla kont;

3. saq vettura bin-numru ta′ reġistrazzjoni DAS 357 b′manjiera bla kont;

4. waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta′ reġistrazzjoni DAS 357 mexxa jew ħaddem il-magna tal-imsemmija vettura b′mod li tagħmel ħsejjes żejda.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perijodu ta′ żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta′ Ġudikatura Kriminali tas-16 ta′ Mejju 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta u Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta′ Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta′ ħames mitt Euro (€500). Il-Qorti skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta′ tliet (3) xhur li kellhom jibdew jgħaddu minn nofs il-lejl u minuta tal-għada.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-23 ta′ Mejju 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tikkanċella s-sentenza u konsegwentement tilliberah minn kull akkuża."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-12 ta′ Ġunju 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-16 ta' Mejju 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma relattivament sempliċi b'dana illi fid-9 ta' Settembru 2024 waqt li l-Pulizija kienu fuq ronda fl-inħawi ta' Ta' Qali raw vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni DAS 357 tinstaq b'mod perikoluż f'żona mit-triq addibita għal parkeġġ tal-vetturi.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dak imressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu jkun opportun li din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa biex tikkunsidra dak li ġie mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħetx issibu ħati u dana peress li hemm nuqqas fuq l-

identifikazzjoni tal-persuna li kien qiegħed isuq il-vettura in kwistjoni. Jgħid mix-xhieda prodotta l-Pulizija straħet biss fuq id-dettalji li tat il-persuna u ma saret l-ebda verifika fuq xi dokument tal-identita'. Rigward dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-appellant jgħid li l-Pulizija qatt ma jgħidu li raw xi dokumenti u għalhekk jisħaq li ma hux pruvat li l-informazzjoni mogħtija ma kinitx waħda ħażina. Jgħid li l-Prosekuzzjoni naqset ukoll tressaq prova ta' identifikazzjoni tiegħu (tal-appellant) minħabba li l-ebda persuna li kien preżenti fil-parkeġġ ma tressaq jixhed sabiex jagħrfu (lill-appellant) u jikkonferma li kien hu li kien qed isuq il-vettura in kwistjoni. Jgħid li lanqas il-persuna li kienet qed takkumpanja lix-xufier ma' ġiet identifikata u mressqa sabiex tagħti x-xiehda tagħha.

Illi rigward l-aggravju in eżami, din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza kemm għall-affidavit ta' PC 112 Joshua J. Grixti (*a fol.* 4) kif ukoll għall-affidavit ta' PC 956 Justin Buhagiar (*a fol.* 6). Filwaqt li PC 112 Grixti jgħid li: *"ix-xufier identifika ruħu bħala Kieran Tabone"*, PC 956 Buhagiar qal hekk: *"irriżulta li x-xufier huwa ċertu Kieran Tabone"*. Din id-differenza sottili fis-semantika u ċioè l-użu tal-kelma *"irriżulta"* minn PC 956 Buhagiar turi, fil-fehma ta' din il-Qorti, li xi forma ta' verifika saret. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li informazzjoni ma tistax tirriżulta jekk ma ssirx verifika dwarha. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti tikkunsidra li l-identifikazzjoni tal-appellant saret sal-livell sodisfaċenti u għalhekk l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jispjega li lanqas il-lok ma ġie identifikat minħabba li s-sewqan kien qiegħed isir ġo parkeġġ u mhux fi triq.

Illi dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għaċ-ċitazzjoni fejn il-lok jiġi identifikat bħala *"fi triq San Ġakbu, ta' Qali, limit ta' Ħ'Attard"*. Għandu jingħad ukoll li fl-affadavit tiegħu, PC 112 Joshua J. Grixti jgħid hekk (*a fol.* 4):

> "Fl-imsemmija triq hemm żona ta' parkeġġ pubbliku fejn ġiet innotata vettura tal-għamla BMW...".

Illi minn din il-frażi jirriżulta li ż-żona ta' parkeġġ hija parti integrali minn Triq San Ġakbu. Ikkunsidrat dan din il-Qorti hija tal-fehma li għalhekk għandu raġun l-Avukat Ġenerali meta jgħid li ż-żona ta' parkeġġ hija biss estensjoni tat-triq. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li anke l-aggravju in eżami ser jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Kieran Tabone u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi minn nofs il-lejl u minuta ta' għada fil-għodu.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**